# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




erika

Numru 84 Jannar - Frar 2008



ritratt ta' Guido Bonett



## Ħej Ħbieb...

**editorjal**

Dakinhar kont qed nara t-televixin u fuq stazzjon ġab programm fuq l-annimali. Ħsibt li se nieħu gost narah imma spiċċajt kważi waddabt ir-rimowt lejn l-iskrin!

Beda b'ritratt ta' serp u sejjaħlu THE BAD! (= il-ħażin!) imbagħad ġab kukkudrill u sejjaħlu THE WORSE! (= iktar ħażin!) u mbagħad ġab brimba u sejħilha THE VERY UGLY! (= kerha ħafna!). Malajr bdiet taqbiżli ċ-ċinga għax jien ma niflaħx nisma' min imaqdar l-annimali, imma ssaportejt nara ftit iktar. Insomma biex naqta' fil-qasir għamel programm sħiħ jipprova mingħalih se jwerwirni mill-brimb, mis-sriep u mill-kukkudrilli. Qażżiżni u qlibtlu. Wara sirt naf li dal-programm hemm sensiela sħiħa! Prosit eh!

Ħbieb, dat-tip ta' programmi jagħmluhom mhux biex jgħallmuna imma biex jixxukkjawna. Jagħtu idea ĦAŻINA ĦAFNA tan-natura. Min jagħmel dal-programmi mhux veru jħobb l-annimali, anzi bil-maqlub: jippruvaw ibellgħuhielna li l-annimali l-għedewwa tagħna, u li dawn moħħhom biss biex jattakkawna. Mhux biżżejjed hawn nies diġà jibżgħu mill-annimali! Xi programm bħal dak ikun jonqoshom...

Ħbieb, fid-dinja ta' l-annimali m'hemmx għedewwa. L-annimali ma jafux jobogħdu. Meta serp jattakka għasfur mhux għax kattiv jew għax jobgħod l-għasafar imma miskin għax jaqbdu l-ġuħ, bħali u bħalkom.

Mela allura l-ĦŻIENA u l-KOROH huma dawk in-nies stess li jivvintaw dawn il-programmi. Imisshom veru jistħu.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




Victor Falzon

**X'hemm mal-faċċata?**



L-**erika** (Mediterranean heath *Erica multiflora*) hija pjanta tax-xagħri li f'Jannar u fi Frar tkun bil-fjuri. Il-fjuri ta' l-erika jikbru f'bukketti żgħar roża ċar, kultant bojod, imma t-tarf ta' kull fjura jkun vjola. L-erika tagħti dehra sabiħa ħafna. Meta jinxfu, il-fjuri ta' l-erika jsiru kannella u l-pjanta tidher qisu xi ħadd ħaraqha!

Ritratt ta' Victor Falzon



Il-**farfett tal-fejġel** huwa wieħed mill-ikbar friefet ta' Malta. Tagħrfu mill-ewwel għax m'hemmx friefet oħra jixbħuh, la fil-kulur u lanqas fil-forma. Jgħidulu wkoll **farfett tal-bużbies**, **farfett tar-reġina** u **farfett tal-lira**. Allura tgħid issa rridu nibdew ngħidulu **farfett ta' l-ewro**? :-)

Ħudu sehem!
Ħudu sehem!
Ħudu sehem!
(paġna 5)

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Spring Alive | 5 |
| Attività | 6 |
| Rapport | 6 |
| il-ĦARRUBA | 7 |
| Falko | 8 |
| Tajjeb tkun sostenibbli! | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Dinja Waħda | 11 |
| Gallerija | 11 |



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona
Desirée Falzon • Sylvia Falzon
Victor Falzon • Kathleen Mamo



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, kampijiet u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dan il-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa l-Klabb fih xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €6.99 (Lm3) fis-sena.


© Publikazzjoni BirdLife Malta, Frar 2008


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




# Reġa' bejjet il-blonġun!

Hekk hu! Għat-tieni darba fl-istorja ta' l-għasafar Maltin, bejjet il-**blonġun żgħir**.

Il-blonġun żgħir (little grebe) jekk tarah taħsbu papra żgħira. Imma l-blonġuni mhumiex papri. Huma għasafar li jgħaddu ħajjithom jgħoddsu għall-ħut fl-għadajjar u x-xmajjar. F'Malta ftit għandna minn dan l-ambjent fejn blonġun jista' jgħaddi ftit ħin - ir-riservi naturali ta' l-Għadira jew Is-Simar.

U proprju f'Is-Simar bħalissa hemm familja blonġuni żgħar: żewġ ġenituri u fellus!




Il-fellus tal-blonġun żgħir.
Ritratt meħud f'Jannar 2008 f'Is-Simar minn Raymond Galea

**5433**



zakak abjad
white wagtail

Denis Cachia

Daqshekk għoddew **zizka bojod** f'temp ta' siegħa fit-12 Jannar 2008, in-nies tal-BirdLife. Kull Jannar, membri tal-BirdLife imorru jgħoddu z-zizka bojod li jidħlu jorqdu fi Pjazza Assedju, il-Belt. Dis-sena kien numru rekord.

# Trumbetta fl-Aħrax!



Fil-5 Jannar 2008 seħibna Matthew Borg Cardona kien qiegħed l-Aħrax tal-Mellieħa u ra għasfur mhux tas-soltu. Kien **trumbettier**! Għall-ewwel ħasbu xi alwetta, imbagħad ħares lejh bit-tromba u malajr għarfu.

It-trumbettier (trumpeter finch) huwa għasfur żgħir ta' l-għana, b'munqar oħxon ħamrani. Jgħix f'artijiet nexfin, bħad-deżert ta' l-Afrika ta' Fuq, u kultant jitfaċċa xi wieħed f'pajjiżna. F'Malta t-trumbettier huwa skars ħafna u ma jidhirx kull sena.

"Kif rajt dak il-munqar aħmar kien se jtini attakk tal-qalb!" qalilna Matthew.

Għaliex jgħidulu trumbettier? Jekk tisimgħu leħnu malajr tindunaw - qisu trumbetta żgħira tal-karnival!

mid-dinja...

# Xaqq dawl għall-gorilla!



Fil-qalba ta' l-Afrika hemm grupp muntanji jisimhom Virunga u fuqhom jgħixu l-aħħar **gorilli tal-muntanja** li baqa' fid-dinja - xi 700 biss.

Il-problema hi li l-muntanji Virunga qegħdin fuq fruntiera bejn tliet pajjiżi: ir-Rwanda, l-Uganda u d-Democratic Republic of Congo. Għal ħafna snin, matul dawn il-fruntieri kien hemm ġlied, sparar u qtil bejn il-bnedmin, u spiss weħlu u nqatlu anke l-gorilli f'dan l-inkwiet.




Imma dawn it-tliet pajjiżi fl-aħħar qablu bejniethom li jibdew proġett biex iħarsu aħjar dawn l-annimali ġentili u rari.

Aħna nittamaw li dal-qbil jibqa' sod għal ħafna ħafna snin, forsi fil-paċi l-gorilli jżidu fin-numru u jaqbżu mqar l-elf ruħ.

# PIPA mimlija ħajja!




Fl-Oċean Paċifiku għadu kemm tnieda l-ikbar park marin tad-dinja. Fih medda ta' 410,500km², jiġifieri kważi daqs il-Baħar l-Iswed. Jismu **Phoenix Islands Protected Area** (PIPA) u ħa jieħu ħsiebu l-gvern ta' Kiribati. Kiribati (tinqara *Kiribas*) huma grupp ta' gżejjer żgħar mifruxin fil-Paċifiku.

Dal-park marin mimli bil-ħajja. Fih jgħixu ruxxmata ħut differenti (iktar minn 520 speċi), fkieren tal-baħar, dniefel u meded kbar ta' qroll (b'iktar minn 120 speċi). Ħafna tajr tal-baħar, bħal sul, ċirlew, gawwi u fregati jgħixu u jistadu f'dawn l-inħawi. F'xi postijiet il-baħar huwa fond sew. Min jaf x'għad hemm moħbi fil-qiegħ tal-PIPA!

Meta medda baħar issir park, is-sajd jibdew jikkontrollawh sew biex ma ssirx ħsara lill-ħajja tal-baħar. Imma biex tindokra biċċa baħar daqs dik trid il-flus, u l-gvern ta' Kiribati mhux sinjur. B'xorti tajba pajjiżi sinjuri bħall-Awstralja, New Zealand u xi għaqdiet ambjentali Amerikani ħa jgħinu f'dal-proġett tal-ġenn biex titħares il-ħajja tal-baħar.

It-tieni l-ikbar park marin qiegħed fil-Hawaii u jismu Papahanaumokuakea Marine National Monument (357,000km²) u t-tielet l-ikbar huwa l-famuż Great Barrier Reef Marine Park (345,000km²) li qiegħed fl-Awstralja.

Tgħid min se jikser ir-rekord ta' Kiribati?!


qroll


masked booby

Għal aktar tagħrif, stampi u filmat fuq dal-proġett mur **www.phoenixislands.org**



# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jkellimna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena.



## ħawwiefa

house martin

**Daqs**

13-15ċm (xi daqs Għasfur tal-Bejt imma tidher ikbar minħabba d-daqs u l-għamla tal-gwienaħ.

**Meta u fejn taraha?**

L-ewwel ħawwiefa aktarx tidher lejn l-aħħar ta' Jannar imma trid tistenna sa Marzu biex tibda tarahom f'numri kbar. Fir-rebbiegħa nibqgħu narawha sa l-aħħar ta' Mejju. Taf taraha ttir anke fuq il-bjut għalkemm filgħaxija jinġabru fi qtajjiet kbar fil-kampanja biex jorqdu.

**Kif tagħrafha?**

L-għamla tagħha tgħinek ħafna, għalkemm jekk għadek tibda l-berdwoċing taf titfixkilha mal-Ħuttafa u l-Ħawwiefa tax-Xtut. Hija iżgħar mill-Ħuttafa u denbha (miftuħ qisu ittra V) ma jispiċċax b'żewġ rixiet twal bħal tal-Ħuttaf. Il-ġwienaħ ukoll huma iżgħar. Tagħrafha mill-Ħawwiefa tax-Xtut ( li hija ċara) mill-kulur iswed ta' daharha, għandna tebgħa bajda bejn id-denb u d-dahar, u żaqqha bajda silġ.

(*Għasafar Madwarna* p. 31)

# Trid tgħin fi studju ta' l-għasafar li qed isir madwar l-Ewropa?




Jekk għandek l-Internet, tista'!

Il-BirdLife International qed tagħmel studju biex jaraw f'liema ġranet jaslu l-għasafar tal-passa lura l-Ewropa fir-rebbiegħa. Għalhekk qed titlobna nżommu għajnejna miftuħin għall-ewwel għasafar tal-passa li naraw. Aħna hawn Malta ħa nieħdu sehem bħala Klabb Ħuttaf u ħa naħdmu fuq għasfur wieħed: **il-ħuttafa**.

Kull ma rridu nagħmlu hu li l-EWWEL ħuttafa li naraw dir-rebbiegħa nirrappurtawha fuq websajt speċjali jisimha **Spring Alive**. Per eżempju kont qed tilgħab fil-bitħa ta' l-iskola fil-brejk, ħarist 'il fuq u rajt ħuttafa jew tnejn għaddejjin itiru. Kif tasal id-dar, idħol fl-Internet u mur fil-websajt **www.springalive.net**

Jekk ma titlagħlekx il-websajt bil-logo ta' BirdLife Malta, klikkja CHANGE COUNTRY u tiġik stampa kollha bnadar. Klikkja l-bandiera Maltija. Fil-paġna li titla' klikkja ENTER YOUR OBSERVATIONS u fil-paġna li titla' ssib erba' stampi ta' għasafar. Klikkja l-istampa tal-ħuttafa imbagħad ibqa' nieżel bid-dettalji ta' dak li rajt u xi dettalji oħra. Prosit u grazzi!

Biex iżżid l-osservazzjoni tiegħek

Biex tibdel il-pajjiż

Il-logo tagħna




Hawnhekk daħħal id-dettalji



# Tlaqna nimxu!

**Reġgħet waslet...**

## il-Mistennija Mixja Maratona ta' Marzu!

Il-mixja maratona ta' 11km hija attività li nagħmlu kull sena fi dħul ir-rebbiegħa. Hemm minnkom saru jiġu kull darba għax jafu kemm hi ta' bżonn. Dil-mixja mhijiex biss ħarġa fil-kampanja, imma biha ngħinu wkoll lill-BirdLife. Għaliha nħajrukom tiġbru xi ftit flus bħala sponsorship, li bihom imbagħad il-BirdLife tixtri apparat biex tużah fil-proġetti tagħha. Matul is-snin xtrajna teleskopju, proġekter, kompjuter, trombi, ġeneratur tad-dawl u anke grass-cutter għal Foresta 2000. Dis-sena nixtiequ nixtru xi apparat għar-riservi naturali. U did-darba se jiġu xi gruppi mill-iskejjel ukoll.

Biex tieħdu sehem użaw il-**kartasponsor** li waslitilkom ma' din *Il-Ħuttafa*. U bħas-soltu skond kemm tiġbru... tirbħu xi **rigali**!

Iktar dettalji u mappa tar-rotta ssibuhom fuq il-kartasponsor stess.

Data: il-**Ħadd 30 Marzu 2008**
Niltaqgħu: fit-**8.30am**
Fejn: ir-**Rabat** quddiem id-Domus Romana (Roman Villa)
Nispiċċaw: fil-bajja tax-**Xemxija** f'xi **nofsinhar**
Età: **kulħadd*!** Familji u ħbieb merħba, basta lesti jimxu.
Ġibu: il-**kartasponsor** u xi flus li tkunu ġbartu + x'tieklu u x'tixorbu. Tantx titgħabbew!
*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir magħhom



Il-membri waqt waqfa qasira biex jammiraw il-veduta sabiħa.

Krista Camilleri

## Ħarġa fil-Foresta 2000

tirrapporta **Katya Azzopardi**

Nhar il-Ħadd 20 Jannar 2008 qomt kmieni għax kelli niltaqa' ma' tfal oħra biex immorru mixja fil-Foresta 2000 organizzata minn Klabb Ħuttaf. Konna madwar 40 persuna. Il-Foresta tinsab viċin ir-riserva naturali ta' l-Għadira ħdejn il-Mellieħa. Il-ġurnata daħkitilna għax ħarġet sabiħa. Rajna diversi siġar, fjuri u għasafar.

L-aktar siġra li għoġbitni kienet dik tal-**ħarrub** imma ħadt gost li rajt ukoll is-siġra nazzjonali, l-**għargħar**, għax kont studjajt fuqha l-iskola ftit ġimgħat qabel. Siġar oħrajn li hemm fil-Foresta huma **żnuber** u **ballut**. Il-Foresta issa mtliet ġmielha, speċjalment wara dak it-tmiem il-ġimgħa f'Ottubru 2007 fejn ħafna nies marru jħawlu siġra.

Barra siġar, rajna wkoll ħafna pjanti oħra bħall-**alaternu**, **bruka**, **deru**, **ġarġir abjad**, **ħalfa**, **riħan**, **qarn il-mogħża**, **sagħtar**, **silla**, **qaqoċċ selvaġġ**, **ċistu abjad** u **ċistu roża**. In-**narċis** huwa veru sabiħ, u r-riħa tiegħu għoġbitni ħafna.

F'din il-ħarġa rajna l-**faqqiegħ**. Rajna u smajna ħafna għasafar bħal **durrajsa**, **pitirross**, **bufula sewda**, **bufula ta' l-imrewħa** u **bufula tal-qamar**. Ilmaħna wkoll **merill**, l-għasfur nazzjonali, li jħobb postijiet imwarrbin qalb l-irdumijiet. Inzertajna wkoll **sturnell**, għasfur tax-xitwa. Faċli tarah għax spiss jidher fl-ibliet u fl-irħula, speċjalment fil-għaxija meta jfittex siġar kbar biex jorqod fihom, is-soltu f'xi triq jew ġnien pubbliku. L-isturnell jiġġennen għas-siġar taż-żebbuġ, huwa storbjuż u jħobb il-kumpanija.

Kienet mixja sabiħa u qattajna nofs ta' nhar qalb in-natura bil-ġmiel tagħha. Kemm ħadt gost!





Alex Casha



ħarruba xiħa bil-frott misjur

Victor Falzon



fjuri rġiel

Victor Falzon



il-weraq

Alex Casha



mżiewed nejjin

## il-ħarrub

carob
*Ceratonia siliqua*

Fost is-siġar Maltin il-ħarruba hija forsi l-aktar waħda magħrufa. Hija fil-familja ta' l-imżiewed (Fabaceae), u fl-istess familja hemm ukoll is-Siġra ta' Ġuda u l-Ġenista Safra, u fost l-arbuxxelli hemm il-Broxka u l-Ħatba s-Sewda.

Dari l-bdiewa kienu jħawlu ħafna ħarrub, għax il-miżwed (il-ħarrubu) kien jintuża bħala għalf għall-bhejjem. Fi żmien il-ġuħ, bħal fit-Tieni Gwerra Dinjija, kien jittiekel anke min-nies. Kienu jgħidu "Ħarrubu sold!" - dak iż-żmien b'sold kont tixtri dak li llum tixtri b'€1.21.

Il-ħarruba tiflaħ għall-kastig. Tikber kullimkien basta mhux mgħarrqa f'qiegħ xi wied, jew fejn jilħaqha l-baħar. Qalb il-blat u mikxufa għar-riħ tkun mikduda u tħaddan l-art, imma fil-kenn u f'ħamrija tajba tikber u togħla sew. Hija siġra dejjem-ħadrana (*evergreen*) b'weraq [1]komposti, b'xi 2-5 pari wrejqiet.

Il-ħarrub jista' jkun raġel jew mara. L-irġiel jissejħu *bagħli* jew *bagħal* għax ma jagħmlux imżiewed, imma l-fjuri rġiel jagħmlu t-trab tad-dakra li jdakkar il-fjuri nisa. In-naħal jogħxa bil-fjuri tal-ħarrub. Wara d-dakra joħroġ ħarrubu żgħir aħdar li jitwal u jismen matul ix-xitwa. Fis-sajf isir kannella u jkun lest biex jinqata' wara Santa Marija.

Mill-ħarrub nagħmlu l-ġulepp u l-karamelli li jinbiegħu fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-miżwed jintaħan ukoll u jsir dqiq li bih jagħmlu ħobż tal-ħarrub. Dari ż-żerriegħa kienu jdommuha u jagħmlu kuruni tar-rużarju, u fil-ġojjellerija kienu jużaw iż-żerriegħa tal-ħarrub biex jiżnu d-deheb.

Hija ħaġa tajba li nkomplu nħawlu l-ħarrub fl-imsaġar ġodda u fil-kampanja, imma ma jaqbilx li nħawluh ħdejn bini jew ħdejn siġar oħrajn. Dan għaliex il-ħarruba għandha għeruq b'saħħithom u fondi u jistgħu jagħmlu ħsara lis-sisien tal-bini jew joħonqu siġar oħrajn fil-qrib.

il-masġâr **Charles F. Grech**

[1]**weraq komposti**: weraq magħmul minn numru ta' werqiet żgħar

# Rokna Falko



## Ħbieb Falkuni,

Hekk kif riesqa r-rebbiegħa, fil-gazzetti reġgħu bdew jissemmew aħbarijiet fuq il-kaċċa...

Fl-Unjoni Ewropea (UE) l-kaċċa fir-rebbiegħa hija kontra l-liġi. Imma għalkemm dħalna fl-UE, Malta xorta bqajna nifthu l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, li huwa kontra l-liġi ta' l-UE. L-iskuża kienet li m'hemmx żmien ieħor li fih il-kaċċaturi jmorru għall-kaċċa tal-gamiem u s-summien. Il-gvern ta' Malta kien ħaseb li seta' juża deroga (jiġifieri eċċezzjoni) li biha jiftaħ staġun fir-rebbiegħa anke wara li nkunu dħalna fl-Unjoni. Però wara l-istudji li saru, u pressjoni kbira mill-BirdLife, il-Kummissjoni Ewropea qablet li l-istaġun tal-ħarifa għandu jkun biżżejjed għall-kaċċaturi, u għalhekk il-kaċċa fir-rebbiegħa kellha tieqaf minnufih.



Raymond Galea

Membri tal-BirdLife waqt protesta s-sena l-oħra kontra l-kaċċa fir-rebbiegħa

Għaliex l-istaġun tar-rebbiegħa huwa daqshekk importanti għall-għasafar? Għax f'dan iż-żmien l-għasafar jitilgħu lejn l-Ewropa biex ibejtu, irabbu frieħ ġodda u jżommu r-razza ħajja u b'saħħitha. Peress li Malta qiegħda f'nofs il-Mediterran, l-għasafar jużaw pajjiżna biex jistrieħu waqt il-vjaġġ fuq il-baħar. Jekk inħallu lil min joqtol l-għasafar f'dan iż-żmien, inkunu qed nipperikolaw ħafna speċi ta' għasafar.

F'Jannar li għadda l-Kummissjoni ħabbret li se ttella' lil Malta l-Qorti Ewropea. Sakemm tittieħed deċiżjoni, il-Qorti tista' tordna li l-istaġun ma jinfetaħx u jekk Malta ma tobdix tista' teħel multi kbar. Mhux hekk biss, imma tista' tinsab ħatja wkoll fuq l-istaġuni li fetħet illegalment minn kemm Malta ilha membru fl-UE.

Sa ma taslilkom din il-ħarġa ta' *Il-Ħuttafa*, din l-ordni mill-Qorti Ewropea għandu mnejn tkun ħarġet, u Malta għall-ewwel darba fl-istorja tgawdi rebbiegħa bla sparar! Għalhekk ħbieb, aħna nkomplu nittamaw li Marzu li ġej noħorġu nimxu fil-kampanja mingħajr ma nisimgħu tir wieħed!

Saħħa

Matthew

**Matthew Borg Cardona**

Falko
Żgħażagħ BirdLife Malta

**KO-ORDINATURI FALKO**: Stefan **Azzopardi** • Matthew **Borg Cardona**


Victor Falzon

**Il-gamblu ta' l-għadajjar huwa annimal żgħir ħafna. Biex tarah, sib ħofra qalb il-blat tax-xagħri li tkun imtliet bl-ilma tax-xita, inżel wiċċek kważi ma' l-ilma u forsi tara xi ftit minnhom jgħumu. Tistenniex xi grottlu, ta!!!**












# Tajjeb tkun Sostenibbli

Elisabeth Conrad

**Żgur li jekk issegwu l-aħbarijiet jew gazzetti, smajtu bil-kelma SOSTENIBBILTÀ, jew ŻVILUPP SOSTENIBBLI. Dan il-kliem sar parti mill-vokabularju għal min jitkellem fuq l-ambjent. Imma x'ifissru dawn il-kelmiet u x'jiswew eżattament għall-mod kif ngħixu?**

Il-kelma SUSTAINABILITY ħarġet biha l-Brundtland Commission, grupp tal-Ġnus Magħquda li kien issemma' għaċ-ċerpersin tiegħu, il-prim ministru tan-Norveġja Gro Harlem Brundtland. Dal-grupp qal li żvilupp sostenibbli jkun żvilupp li bih naqdu l-bżonnijiet tal-lum bla ma nfixklu l-ġenerazzjonijiet futuri milli jaqdu l-bżonnijiet tagħhom.

Kemm qed ngħixu ħajja sostenibbli fil-preżent? Jekk inħarsu ftit madwarna ma tantx donnu hu l-każ.

## bżonnijiet...

Naraw ftit x'għandu bżonn il-bniedem biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Nibdew bir-riżorsi. Irridu x'nieklu, x'nixorbu, materjali biex ngħixu, u sorsi ta' enerġija. Imma iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar nisimgħu fuq problemi ta' riżorsi. Fis-sajd, il-ħut qed jonqos għax ma tajniehx ċans jirkupra. Qed jonqos iż-żejt u l-faħam għax ma ħdimniex biżżejjed fil-qasam ta' enerġija alternattiva. L-ilma dejjem qed iservi inqas u qed ikun ta' kwalità inqas tajba - hemm min ibassar li l-gwerer tal-futur se jkunu minħabba n-nuqqas ta' l-ilma. L-ibħra u x-xmajjar iktar ma jmur iktar qed jitniġġsu.

Il-bniedem għandu wkoll bżonn ta' ambjent b'saħħtu fejn jgħix, ambjent li jista' jsostnih. Però l-ambjent tagħna qed jimtela ħmieġ u tniġġis. Għandna problemi kbar ta' skart, li jinkludu wkoll skart radjuattiv li ġej minn teknoloġija nukleari, li jibqa' perikoluż għal eluf ta' snin.

L-industrija u l-vetturi qed iħammġu l-arja u qed jiżdied mard bħal allerġiji u ażma.

Għas-saħħa mentali tagħna għandna bżonn ukoll li ngawdu l-beraħ, il-ħdura, u l-varjetà fl-ambjent naturali, inkluż l-annimali u pjanti, però dejjem nisimgħu fuq iktar annimali mhedda. U lkoll smajna bil-*global warming* u tibdil fil-klima.


**Il-PANDA**
Qridnielu l-ambjent naturali...

## egoisti...

Taħsbu li qed inkunu ġusti man-nies futuri bil-mod kif qed ngħixu? X'inhu ċ-ċans ta' tfal futuri jaraw it-tigra, il-panda, l-ors abjad u l-annimali l-oħra kollha li llum qegħdin fil-periklu li jispiċċaw?

Kemm hemm ċans li n-nies tal-ġejjieni jkollhom ambjent nadif, li jkollhom ilma, arja, art, ikel u riżorsi oħrajn biżżejjed biex huma wkoll jgħixu ħajja komda?

Illum qed ngħixu b'mod egoist għax ħloqna problemi li huma riżultat mhux tal-bżonnijiet, imma tar-regħba tagħna. L-Ewropa u l-Amerka ta' Fuq jikkunsmaw ħafna iktar riżorsi mill-bqija tad-dinja, u jikkreaw skart u tniġġis esaġerat.

Ħafna kkritikaw il-mod kif dejjem nitkellmu fuq sostenibbiltà. Jgħidu li din saret kelma vojta li jużawha l-politiċi u dawk li jrid jimpressjonaw. Forsi għandhom ftit raġun għax hafna drabi nparlaw u ma nagħmlu xejn, jew nagħmlu l-maqlub.

Imma mill-banda l-oħra żgur li ħaġa tajba li ngħixu ħajja sostenibbli, għax b'hekk nuru responsabbiltà llum lejn l-umanità t'għada. Azzjonijiet żgħar jistgħu jnaqqsu ħafna mill-problemi ambjentali u żgur m'aħna se nsolvu xejn billi naqtgħu qalbna. Wara kollox, suċċessi qed isiru wkoll, u dawn jistgħu jżidu jekk naħdmu flimkien għal skop komuni.


**L-ORS ABJAD**
Vittma tal-global warming...

# Nilagħbu tikka

ma' **Janet** u **Amy Gerardi**

Għaqqad it-tikek minn **1** sa **70** ħalli tiltaqa' ma' ħabib li jħobb iċafċaf fl-għadajjar u n-nixxigħat!

Imbagħad kompli agħti kulur lill-istampa.






L-annimal huwa

## Tixtieq tgħinna nkabbru l-Klabb?

Għal kull membru ġdid li inti ddaħħal, aħna nibagħtulek

**5 pitazzi tal-BirdLife!**

1. Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf.
2. Ikteb id-dettalji tagħhom fuq kopja tal-formola t'hawn taħt.
3. Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess.
4. Ibagħtilna kollox, flimkien mal-miżata €**6.99** (Lm3.00)

L-indirizz tagħna huwa **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk pagabbli lil BirdLife Malta

**Għażiż Klabb, jiena daħħalt membru ġdid. Dawn huma d-dettalji tiegħu/tagħha:**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

postcode ____________________

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

skola ____________________

**...u dawn huma d-dettalji tiegħi stess:**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

postcode ____________________

membership number ________ telefon ________ imejl ________

skola ____________________

tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •



titwila lejn

# Dinja Waħda

Desirée Falzon



Għamiltuha l-bird table li semmejna l-aħħar darba jew? Jien dix-xitwa fil-ġardina qed jiġini pitirross li tant hu fidil li joqgħod jistennieni żewġ passi bogħod waqt li nfarraklu l-ikel fuq il-bird table!

Did-darba se niffukaw fuq **ON RESERVE!** li hija Attività 3 ta' Dinja Waħda. Kif issir din l-attività? Faċli ħafna: l-għalliema ċċempel lill-BirdLife u tibbukkja żjara għall-klassi f'waħda miż-żewġ riservi naturali tal-BirdLife: L-Għadira jew Is-Simar.

L-Għadira u Is-Simar huma postijiet speċjali. Għaliex? L-ewwelnett għax fihom hemm ħabitat rari ħafna f'Malta: għadajjar li jżommu l-ilma s-sena kollha. Dawn il-postijiet huma wkoll imħarsin bil-liġi, jiġifieri fihom ma tistax issir kaċċa u attivitajiet oħra li jfixklu l-ħajja naturali li tgħix hemm.

Il-BirdLife ilha taħdem ħafna snin biex issebbaħ dawn ir-riservi ħalli jiġbdu iktar għasafar u ħajja oħra lejhom. Għax ma tiġux intom ukoll taraw b'għajnejkom kemm hi sabiħa n-natura meta l-bniedem iħalliha bi kwietha? Kemm l-Għadira kif ukoll Is-Simar hemm għalliema apposta biex idawrukom u anke jiħdukom fil-ħajds. Ħajds huma kmamar apposta minn fejn tosserva l-għasafar bla ma tfixkilhom. L-għalliema tar-riserva jisilfukom ukoll trombi ħalli taraw l-għasafar aħjar. U jekk għandkom kamera, ħuduha magħkom, forsi taqbdu għasfur... f'ritratt!

**Jekk il-klassi tagħkom għadha m'għamlitx attivitajiet Dinja Waħda, ħajru lill-għalliema biex intom ukoll tagħmlu attivitajiet mill-Action Guide li qassamna fl-iskejjel. Tgħinu lill-ambjent waqt li titgħallmu dwaru.**

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

BirdLife MALTA — Bank of Valletta

# gallerija

Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom f'*Il-Ħuttafa*.

Tibagħtux ta' annimali domestiċi.



**verdun**
Peter Camilleri
10



**ċiefa**
Ian Mangion
10



**barbaġann**
Christine Galea 11



**salamander**
Maria Attard
10



**brama**
Pamela Bezzina 11



**summiena**
Gabriel Micallef 10



**żanżarell tat-tikek**
Omar Agius 10

tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •

# Ċikkurillu, BOV u Dinja Waħda

Hello Ħbieb,

Jien Ċikkurillu tal-BOV. Dawk minkom li għandhom kont magħna jafuni żgur u spiss niltaqa' magħhom fil-fuljett tagħna tal-Young Savers. F'Ottubru 2007, il-BOV u l-BirdLife bdew proġett importanti flimkien, bl-isem ta' Dinja Waħda. B'hekk, il-BOV qed jaħdem mal-BirdLife biex aktar studenti jagħtu kas tal-ambjent ta' madwarhom u jieħdu ħsiebu. B'hekk, jien qed sirt naf ħabib ġdid, il-ħuttafa. Nispera li dalwaqt niltaqa' magħkom ilkoll f'xi waħda mill-attivitajiet li ser norganizzaw.

Sa dan it-tant xtaqt ngħidilkom xi ħaġa zgħira fuq x'qed jagħmel il-BOV għall-ambjent u għalfejn. Intom qatt smajtu bil-kelma 'Responsabbiltà Soċjali'? Kelma ftit tqila, hux tassew, imma ferm importanti.

Il-Bank of Valletta huwa istituzzjoni finanzjarja u jaħdem biex iżid l-investimenti tas-sidien tiegħu. Iżda llum il-ġurnata, il-Bank induna li dan mhux biżżejjed. Bħala waħda mill-ikbar kumpaniji f'Malta, il-Bank iħoss li għandu jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru, b'mod partikolari l-ambjent naturali.

Allura sewwa sew x'qed nagħmlu? Il-Bank qed jaħdem ma' diversi organizzazzjonijiet oħra favur l-ambjent. BirdLife hija waħda minnhom u flimkien qed naħdmu fuq il-programm Dinja Waħda. L-impjegati tagħna wkoll qed jagħtu daqqa t'id tafux!! Ilu ftit, morna sal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali biex inħawlu numru ta' siġar tal-ballut, ħarrub u ċipress. Għada pitgħada, dawn l-impjegati jistgħu jħarsu lura u jgħidu, "Ara, dik is-siġra kont ħawwiltha jien, snin ilu!" F'Ġunju li għadda ħadna ħsieb innadfu qiegħ il-baħar ukoll. Grupp ta' ħaddiema li huma wkoll bugħaddasa liċenzjati niżlu taħt il-baħar fiż-żona tal-Exiles Sliema u ġabru skart li kien twaddab il-baħar minħabba traskuraġni jew inċident. Kollegi tagħhom kienu fuq ix-xatt jgħinu lil sħabhom itellgħu l-iskart mill-baħar.



Għal-lum ser nieqfu hawn minn din ir-rokna, iżda nagħmlu appuntament magħkom għad-darba li jmiss biex naqsmu aktar minn dawn l-esperjenzi. Sa dan it-tant, intom tistgħu tagħtu daqqa t'id lill-ambjent ukoll. Per eżempju qatt ħsibtu f'kemm nistgħu niffrankaw ilma jekk nagħlqu l-vit sa ma naħslu idejna jew sninna?!


www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Zakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*



BOV

Bank of Valletta

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*